MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-23 ta' Frar, 2015

Numru. 931/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**Paul Gatt**

**Kumpilazzjoni Nru: 931/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Gatt, ta’ 50 sena, bin Ignazio u Speranza nee’ Borg, imwieled Pieta’ f’l-1 ta’ Settembru 1964, residenti Valley View, Triq Hieronymus Megiser, Naxxar u detentur tal-Karta ta’ l-

Identita’ Maltija numru 505064(M).

Akkuzat talli fid-19 ta’ Settembru, 2014 ghal habta ta’ 17.45hrs fil-garaxxijiet gewwa Triq Hieronymus Megiser, Naxxar:-

1. Ikkommetta serq ta’ gizirana li l-valur huwa ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).
2. Ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Kenneth Xuereb hekk kif iccertifika Dr. Dalli Badjadi MD Reg. 3358 Mosta Health Centre.

Rat l-artikolu 221, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jittratta incident li sehh nhar id-19 ta' Settembru 2014 li fih kienu involuti l-imputat u certu Kenneth Xuereb. Jidher li dan mhux l-ewwel argument li nqala' bejn Xuereb u Gatt stante li hemm disgwid dwar l-uzu li l-imputat jaghmel mill-garaxx tieghu u kif Xuereb ihalli l-vettura tieghu meta jkun qed johrogha mill-garaxx[1]. F'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri z-zewg partijiet soffrew griehi (ghalkemm dawk ta' l-imputat kienu ferm aktar serji) fil-waqt li lil Xuereb naqsitlu gizirana tad-deheb.

Illi Kenneth Xuereb tressaq bhala xhud u huwa ghazel li jaghti d-depozizzjoni tieghu[2]. Jirrakkonta li hu, martu u bintu kienu ser johorgu ghalhekk mar johrog il-karrozza mill-garaxx, li huwa semi-basement. Hareg il-karrozza pero waqaf meta l-karozza kienet ghada in parti fuq il-bankina u in parti fit-triq; huwa waqqafha angolata bil-parti ta' wara tal-karozza taghti fuq il-garaxx ta' l-imputat[3]. Xuereb jispjega li sa kemm kien qed johrog il-karozza mill-garaxx niezlet it-tifla tieghu fil-waqt li l-mara kienet qed taghlaq il-bieb. It-tifla dahlet fil-karozza u hu mar jaghlaq il-bieb tal-garaxx. Sadattant il-karozza hallieha bil-magna mixghula.

Illi Kenneth Xuereb ikompli jispjega li waqt li kien qed jaghlaq il-garaxx, l-imputat hareg mill-garaxx tieghu, fejn kien qed jaghmel xi xoghol, mar fuq il-vettura ta' Xuereb u beda jsabbat bil-ponn fuqha. Ghal dan l-agir Xuereb qallu: "*int mignun?*" lill-imputat, li rega niezel 'l isfel, mar fuq Xuereb u rrimarkalu li kien qed jifgah b'l-*exhaust*. F'daqqa wahda (dejjem skond Xuereb) l-imputat qabdu mill-qmis, gibdu, u tah daqqa ta' ponn pero laqtu fuq spalltu; Xuereb irreagixxa billi mbotta lill-imputat li waqa' ma'l-art fejn kien hemm gradilja ta' *inspection chamber*. L-imputat qam, rega' ta daqqa ta' ponn lil Xuereb, pero Xuereb rega' laqa' d-daqqa u rega' imbotta lill-imputat li rega' waqa. L-imputat qam ghat-tielet darba u resaq ghal fuq Xuereb li din id-darba tah daqqa ta' ponn; l-imputat, wara li qala d-daqqa, rega mar ghal Xuereb li tah daqqa ta'

---

[1] Xuereb u l-imputat ghandhom garaxx biswit xulxin; il-parti ta' quddiem il-garaxxijiet u r-rqmpa li taghti ghat-triq huma (apparentement) komuni.
[2] Stante proceduri pendenti kontra tieghu dwar l-istess incident huwa kellu d-dritt li ma jixhidx.
[3] Dan jidher car mir-ritratti esebieti miz-zewg partijiet.

ponn ohra. F'dan l-istadju Xuereb qal lill-mara[4] biex iccempel lill-pulizija. Xuereb jghid li mbaghad is-sitwazzjoni kkalmat u ftit wara gew il-pulizija. Il-pulizija l-ewwel kellmu lill-imputat[5] u baghtuh ghall-kura; mbaghad kellmu lil Xuereb. Dak il-hin Xuereb induna li wahda miz-zewg gizirani li kien liebes ma kenitx madwar ghonqu; hu flimkien mal-pulizija fittxewha (inkluz billi fethu l-gradilja taz-zewg *inspection chambers* li hemm quddiem il-garaxxijiet) izda ma sabuhiex. Xuereb mbaghad mar ic-Centru tas-Sahha fejn gie certifikat li kien qed isoffri minn griehi hfif. Huwa spjega ukoll li g-gizirana regghat giet fil-pussess tieghu peress li l-imputat kien hadha ghand il-Kappillan li da parti tieghu baghatha lil Xuereb.

Illi mart Kenneth Xuereb, Claire, tressqet bhala xhud ukoll. Hi tikkonferma li l-incident in ezami beda meta zewgha kien qed jaghlaq il-garaxx u binthom kienet lahqet dahlet fil-karozza. Xuereb tirrakonta li waqt li hi kienet niezla lejn il-karozza rat lill-imputat jaghti fuq il-karozza taghhom u jghajjat "*fgajtuni*" u jmur fuq zewgha li kien ghadu hdejn il-bieb tal-garaxx taghhom. L-imputat hataf lil zewgha mill-qmis u tah daqqa fuq spalltu pero zewgha imbuttah u l-imputat waqa' ma'l-art u gie ezatti fuq il-gradija, qam (dak il-hin Xuereb innutat li l-imputat kellu d-demm ma' wiccu) u rega' mar ghal zewgha, dan pero laqa' d-daqqiet u rega' tefghu u spicca mal-hajt u mal-bieb tal-garaxx pero rega qam; dak il-hin zewgha qallha biex iccempel lill-pulizija. Hi hekk ghamlet u dak il-hin rat lil zewgha jzomm lill-imputat ghal rkubbtejh "*illokjah*". Ftit wara gew il-pulizija u waqt li zewgha kien qed ikellem lill-pulizija nduna li wahda mill-gizirani li jielbes kienet naqset; fittxew il-gizirana flimkien mal-pulizija izda ma sabuhiex. Xuereb kompliet tispjega li xi gimghatejn wara (fit-2 ta' Ottubru) marret persuna ghandhom, li kien baghatha l-Kappillan, biex taghtihom il-gizirana.

Illi l-Kappillan, Fr Evan Caruana, ta d-depozizzjoni tieghu ukoll. Hu qal li kien mar l-imputat ghandu u qallu li kellu xi jghid ma' wiehed mill-girien tieghu u l-gizirana giet f'idejh meta kellhom xi jghidu; l-imputat talbu biex jaghtiha lil dan

[4] Li sa dak il-hin kienet lahqet harget u kienet qeghda fil-genb fejn kien qed jigri dan kollu.
[5] Li kellu demm niezel ma' wiccu.

il-gar tieghu, cioe Kenneth Xuereb. L-ghada l-Kapillan baghat persuna ta' fiducja biex taghti l-gizirana lil Xuereb.

Illi s-Surgent li l-ewwel mar fuq il-post, PS 1270 Antoine Zammit, xehed ukoll. Hu jghid li meta wasal fuq il-post ta' l-incident sab lill-imputat fuq ir-rampa wiccu miksi bid-demm u lil Kenneth Xuereb (li kellu xi demm ma' idejh) fuq fit-triq; is-Surgent l-ewwel li kellem lill-imputat. Dan qallu li Xuereb kien halla l-karozza startjata ghal xi ghaxar minuti fuq ir-rampa b'l-*exhaust* jaghti ghal gol-garaxx tieghu ghalhekk mar jghidlu biex jitfi l-karozza u Xuereb qabad jaghtih. Is-Surgent mbaghad kellem lil Xuereb. Skond is-Surgent Xuereb qallu li kien qed isuq meta ra lill-imputat gej minn wara u jaghti daqqa fuq l-*ispoiler* u l-*mudguard* ta' wara tal-karozza tieghu (cioe ta' Xuereb) ghalhekk huwa waqqaf u l-imputat mar ihedd ghalih waqt li kien ghadu fil-karrozza. Xuereb irnexxielu johrog mill-vettura u l-imputat rega hebb ghalih ghalhekk Xuereb ta daqqa ta' ponn lill-imputat li mad-daqqa waqa' ma'l-art; l-imputat qam u kien ser jerga jipprova ihebb ghal Xuereb ghalhekk dan rega' tah daqqa ta' ponn. Meta Xuereb kien qed jirrakkonta dan kollu lis-Surgent gibidlu l-attenzjoni li kellu gizirana nieqsa, fittxewha (inkluz billi fethu il-gradiji ta'l-*inspection chambers*). Aktar tard dak in-nhar l-imputat gie mistoqsi fuq il-gizirana izda hu qal li ma kienx raha. Is-Surgent kompla jispjega li nhar it-2 ta' Ottubru Claire Xuereb marret l-ghassa u nfurmathom li l-imputat kien halla l-gizirana ta' zewgha ghand il-Kappillan li da parti tieghu baghatilhom ma' terza psersuna.

Illi l-imputat ghazel li jiddeponi quddiem din il-Qorti. Huwa jispjega li fil-gurnata in ezami Xuereb kien hareg u rega' dahhal il-karozza tieghu fil-garaxx xi erbgha darbiet u kull darba halliha startjatha fuq ir-rampa b'l-*exhaust* jaghti ghal gol-garraxx tieghu. Dwar dak li wassal ghall-incident jghid li ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofs in-nhar iz-zewg konjugi Xuereb niezlu fil-garaxx, hargu l-karozza u hallewha startjata fuq ir-rampa b'l-*exhaust* jaghti ghal gol-garaxx tieghu fil-waqt li huma regghu dahlu fil-garaxx. L-imputat jghid li l-konjugi Xuereb kienu ilhom hames minuti fil-garaxx meta hu hareg jghajtilhom biex jnehhu l-karozza; hargu t-tnejn jghajjtu mill-garaxx u Kenneth Xuereb qabad tah daqqa ta' ponn, tghajjarlu n-nuccali u ghamillu ferita ma' wiccu li minnha beda hiereg hafna

demm tant li (anke minhabba li ma kellux in-nuccali) ma kienx qed jara sew. L-imputat jispjega li Kenneth Xuereb baqa' jaghtih daqqiet u hin minnhom hu (cioe l-imputat) waqa' ma'l-art. Meta kien ma'l-art Claire Xuereb qalet lil zewgha biex icempel lill-pulizija u dak il-hin l-imputat qam, dahal fil-garaxx tieghu biex jahsel wiccu u mar ifittex in-nuccali u hu ukoll prova jcempel lill-pulizija. L-imputat jghid li meta Xuereb kien qed jaggredih l-unika haga li ghamel hu kien li mbotta lil Xuereb biex jiddefendi lilu nnifsu.

Illi l-imputat ikompli jispjega li s-Surgent li wasal fuq il-post l-ewwel li kellem lilu u baghathu c-centru tas-sahha fejn gie certifikat li kien qed isoffri minn girei gravi[6]. Meta, aktar tard dak in-nhar, l-imputat mar l-ghassa biex jaghtihom c-certifikat is-Surgent qallu li Xuereb kien qed jallega li hu kien seraq l-gizirana; l-imputat qallu li hu ma kien jaf xejn fuq il-gizirana. Xi gimghatejn wara li sehh il-kaz l-Ispettur Micallef baghtet ghall-imputat biex tinfurmah li kienu ser jittiehdu passi fil-konfront tieghu dwar is-serq tal-gizirana; l-imputat baqa' jinsisti li hu ma jaf xejn dwar il-gizirana. Lill-ispettur infurmaha ukoll li huwa kien fittex biex jara jsibhiex il-gizirana u li anke kien fetah il-gradilja ta'l-*inspection chamber* biex jara jekk jarahiex izda ghal xejn. L-imputat jghid li hu baqa jewden u wara xi jumejn rega fetah il-gradilja ta'l-*inspection chamber* pero din id-darba dahhal idejh (hu jispjega li hija fonda xi metru u kien hemm it-terrapin fiha) qalleb it-terrapin u sabha. Wara xi jumejn iddecieda li johodha ghand il-Kappillan pero minghajr ma jipprova jahbi l-identita tieghu. L-imputat spjega li hu hadha ghand il-Kappillan u mhux il-pulizija ghaliex ma kienx kuntent bil-mod kif kienu qed tittrattaw id-diversi rapporti li jsieru minnu u mill-konjugi Xuereb u ma kienx qed jafdahom.

Illi huwa car li hemm kunflitt fil-provi fis-sens li l-verzjonijiet mghotija mill-konjugi Xuereb min-naha u l-verzjoni mghotija mill-imputat min-naha l-ohra huma kunfliggenti. Ghalhekk ir-rizoluzzjoni ta' dan il-kaz tiddependi fuq il-kredibilita li l-Qorti tista' taghti lil dawn ix-xhieda mehuda in konsiderazzjoni fil-kuntest tal-provi kollha prodotti.

[6] Zewg lacerated wounds, u dbengil.

Illi dwar Kenneth Xuereb ghandu jigi rilevat li l-verzjoni li ta lill-pulizija a tempo vergine kienet tvarja mhux ftit minn dik mghotija lill-Qorti. Lill-pulizija qallu li l-incident beda meta hu kien qieghed fil-karozza, li l-imputat beda jhabbat mal-karrozza meta hu kien ghadu fil-karrozza u l-ewwel tentattiv ta'aggressjoni fizika da parti ta' l-imputat sehhet meta Xuereb kien ghadu fil-karozza u kien biss wara li Xuereb irnexxielu johrog mill-karozza li ta l-ewwel daqqa ta' ponn lill-imputat u dan ghaliex l-imputat kien ser ihebb ghalih. Waqt id-depozizzjoni tieghu Kenneth Xuereb jghid li l-incident beda meta hu kien qieghed jaghlaq il-bieb tal-garaxx u ta l-ewwel daqqa ta' ponn wara li l-imputat kien diga hebb ghalih darbtejn.

Illi Claire Xuereb esebiet xi ritratti u fuq mistoqsija tal-Qorti qalet li r-ritratti ttiehdu dak in-nhar ta' l-incident. Il-Qorti taccetta li tlieta mir-ritratti (dawk li juru l-vettura) ittiehdu dak in-nhar ta'l-incident; f'dawn ir-ritratti l-vettura tidher f'l-istess pozizzjoni li tidher fiha fir-ritratti mehuda mill-imputat li ukoll jghid li hadhom ezatti wara l-incident[7]. Pero l-Qorti difficilment taccetta li t-tlett ritratti l-ohra ttiehdu dak in-nhar stess: wiehed minnhom huwa ritratt (apparentement) ta' sider Kenneth Xuereb b'zewg gizirani mdendlin m'ghonqu, u t-tnejn l-ohra huma tal-parti pavimentata quddiem il-garaxx ta' l-imputat li fih tidher *inspection chamber*. F'dan l-ahhar zewg ritratti fil-waqt li l-art tidher imxarrba, ma jidhirx demm hdejn il-gradilja. Fir-ritratt (ta'l-istess post) mehud mill-imputat (u li skond hu hadhom sakemm kienu qed jistennew lill-pulizija) l-art tidher nixfa u jidhru diversi taqtiriet ta' demm mad-dawra tal-gradilja. Fil-fehma tal-Qorti huwa r-ritratt ta'l-imputat li ttiehed dak il-hin ta' l-incident; iz-zewg ritratti esebieti minn Xuereb ittiehdu sew wara l-incident u wara li lahqet inhalset l-art. Dwar ir-ritratt ta' sider Xuereb, dan zgur ma setax ittiehed dak in-nhar ta'l-incident ghaliex wara l-incident gizirana wahda biss kien liebes ghaliex l-ohra kienet naqset[8].

---

[7] Hu spjega li r-ritratt tal-vettura u tat-tappira hadhom sa kemm gew il-pulizija u l-ohrjn hadhom wara.

[8] Naturalment mhux eskluz li nzerta li propju dak in-nhar, qabel l-incident. ittiehed ritratt ta' Xuereb li juri z-zewg gizirani li jielbes, pero l-Qorti hija konvinta li dak ir-ritratt ma ttiehidx dak in-nhar imma kien ritratt kwalunkwe li kien ghand il-konjugi Xuereb minn qabel u gie prezentat biex juru iz-zewg gizirani.

Illi hemm xi diskrepanzi ukoll bejn dak li jghidu kull wiehed/wahda mill-konjugi Xuereb. Skond dak li qal Kenneth Xuereb waqt id-depozizzjoni tieghu l-imputat prova jhebb ghalih erbgha darbiet, l-ewwel darbtejn huwa rritalja billi imbottah u d-darbtejn l-ohra tah daqqa ta' ponn; ghal kull intervent ta' Xuereb l-imputat waqa' ma'l-art. Claire Xuereb pero ssemmi zewg interventi u cioe l-imputat li jaftah lil zewgha mill-qmis u jipprova jhebb ghalih b'zewgha jimbotta u l-imputat jaqa ma'l-art; isemmi ukoll it-tieni intervent meta l-imputat qam rega' hebb ghal zewgha li rega imbottah; in oltre hija nsistiet li zewgha ma tax daqqiet ta' ponn lill-imputat, haga li hu jammetti. Fattur iehor li ma jaqblux fih il-konjugi Xuereb jirreferi ghall-parti finali tat-taqbieda bejn Kenneth u l-imputat. Kenneth Xuereb jghid li wara li ta t-tieni daqqa ta' ponn is-sitwazzjoni kkalmat u sa kemm gew il-pulizija l-imputat baqa fil-parti ta' quddiem il-garaxx tieghu fil-waqt li hu (Xuereb) Qaghad in-naha ta' barra hdejn il-karozza. Claire Xuereb min-naha l-ohra tghid li sakemm cemplet lill-pulizija rat li zewgha "*izommu ghal rkubtejh, illokjah, ..... hallieh hekk ghal rkubtejh ... sa kemm gew il-pulizija*"[9].

Illi fatt li mhux biss jaqblu fuqu il-konjugi Xuereb imma kienu insisenti hafna fuqu hu li kien l-imputat li mar fuq Kenneth Xuereb, u dan meta Xuereb kien ghadu qed jaghlaq il-bieb tal-garaxx. Huma jghidu (quddiem din il-Qorti) li l-imputat l-ewwel mar jaghti daqqiet fuq il-karozza u mbaghad niezel ir-rampa, resaq lejn Kenneth (li kien ghadu hdejn il-bieb) qabdu mill-qmis u prova jaghtih daqqa ta' ponn, Kenneth imbottah u l-imputat waqa ma'l-art u gie fuq il-gradilja ta'l-*inspection chamber*. Claire Xuereb izzied li meta qam l-imputat kellu d-demm ma' wiccu. Mir-ritratti esebieti jidher li quddiem kull garaxx hemm *inspection chamber*. Jekk il-verzjoni mghotija mill-konjugi Xuereb hija korretta, u cioe kien l-imputat li mar fuq Xuereb meta dan kien ghadu qed jaghlaq il-bieb tal-garaxx tieghu, allura l-imputat suppost waqa fuq l-ispection chamber li hemm quddiem il-garaxx ta' Xuereb. Id-demm f'l-art pero qieghed hdejn l-*inspection chamber* li hemm quddiem il-garaxx ta' l-imputat. Dan

[9] Il-verzjoni korretta tidher li hija dik mghotija minn Kenneth Xuereb ghaliex il-pulizija qal li sabhom kif spjega Kenneth Xuereb.

ifisser li l-incident sehh quddiem il-garaxx ta’ l-imputat u mhux quddiem il-garaxx ta’ Xuereb[10].

Illi z-zewg konjugi Xuereb insistew ukoll li l-imputat ta’ diversi daqqiet bil-ponn fuq il-vettura taghhom; Claire Xuereb sahansitra tghid li beda jghati kemm jiflah. Ghandu jigi rilevat li minkejja almenu tlett daqqiet ta’ ponn fuq il-vettura taghhom da parti ta’l-imputat la giet riskontrata xi hsara fil-vettura u lanqas kellu xi griehi f’idejh l-imputat.

Illi dwar il-verzjoni mghotija mill-imputat ghandu jigi rilevat li huwa kien konsistenti fir-rakkont tieghu dwar l-incident; huwa fil-fatt rega’ qal quddiem il-Qorti dak li qal lill-pulizija, ghalkemm ta ferm aktar dettal fid-depozizzjoni tieghu milli ta lill-pulizija. Dwar il-gizirana u kif din giet fil-pussess tieghu hu jispjega kif sabha meta (wara li gie infurmat li kienu ser jinbdew proceduri penali fil-konfront tieghu), u fit-tieni darba li fetah l-*inspection chamber,* hu dahhal idejh fit-terrapin u sabha hemm. L-unika persuna ohra li tat xi informazzjoni dwar kif il-gizirana setghet waslet ghand l-imputat kienet il-Kappillan. Fid-depozizzjoni qasira tieghu Fr Caruana jghid li l-imputat mar ghandu u qallu li kellu xi jghid ma wiehed mill-girien tieghu u l-gizirana giet f’idejh meta kellhom xi jghidu. Din il-verzjoni hi xi ftit differenti minn dak li jispjega l-imputat.

Ikkunisdrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma tnejn: serq aggravat bil-valur, u offiza hafifa fuq il-persuna ta’ Kenneth Xuereb.

[10] Ir-ritratt esebiet a fol 75 juri l-konfigurazzjoni taz-zewg garaxxijiet u fejn qeghdin l-*inspection chambers* u r-ritratt esebiet a fol 78 juri fejn qieghed id-demm; dawn ir-ritratti huma esebieti mill-imputat.

Illi huwa ormai ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna x'inhuma l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' serq. Dawn l-elementi jemergu mid-definizzjoni li Carrara jaghti ghar-reat ta' serq u huma: *la contractatio, dolosa, della cosa altrui, fatta invito domine, con anime di farne lucro*. Applikata din id-definizzjoni ghall-kaz in ezami huwa car li s-sejbin ta' htija o meno fir-rigward ta'l-imputat jiddependi lil minn mix-xhieda prodotti tista' taghti kredibilita l-Qorti. Jekk il-gizirana giet f'idejn l-imputat meta gibed il-qmis ta' Kenneth Xuereb u zammha ghandu ghal ftit aktar minn gimghatejn u rritornaha biss meta gie infurmat li ser jittiehdu passi kontra tieghu dwar is-serq taghha, allura r-reat jissussisti. Pero jekk il-fatti graw kif irrakkonta l-imputat, dawn zgur ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat ta' serq kif fuq definit.

Illi pero l-Qorti ghandha dubbji serji dwar kemm tista' taghti kredibbilita lill-konjugi Xuereb. Kif diga intqal fir-riassunt tal-provi prodotti hemm diversi kontradizzjonijiet u kunflitti fil-verzjonijiet mghotija minnhom. Ta' certa relevanza ukoll huwa dak li ma jghidux il-konjugi Xuereb u cioe li fil-hin kollu li dam l-incident, u anke wara sa kemm gew il-pulizija, huma ma rawx il-gizirana f'idejn l-imputat. Fattur iehor li fil-fehma tal-Qorti ghandu jinghata certu relevanza hu li Kenneth Xuereb ma kellu l-ebda griehi mad-dawra ta' ghonqu. Kieku l-gizirana ingibdet minn ghonqu Xuereb kien ikollu xi sinjal.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li l-kredibilita ta'l-imputat ukoll tista tigi attakkata a bazi ta' dak li jista' jitqies bhala kunflitt bejn dak li jghid hu minn naha u dak li jghid Fr Caruana min-naha l-ohra, ghaliex skond Fr Caruana l-imputat qallu li l-gizirana giet f'idejh waqt il-glieda.

Illi pero fil-kamp kriminali hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova, 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni, ir-reita ta'l-imputat u mhux l-imputat li jrid jipprova l-innocenza tieghu. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-provi prodotti (bil-verzjonijiet kunfliggenti) ihallu lil din il-Qorti b'dak li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tiddeskrivi bhala *lurking doubt* ma jistax jinghad li l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacjentment pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar griehi hfif fuq il-persuna ta' Kenneth Xuereb. Biex jissussisti dan ir-reat (fil-kuntest tal-kaz in ezami) il-Qorti trid tkun konvinta li kien l-imputat li l-ewwel agredixxa lil Xuereb. Pero, ghal-istess ragunijiet imsemmija fil-motivazzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni, l-Qorti m'ghandhiex dan il-konvinciment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lil-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------